Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Frar 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanetta Grixti)**

**Versus**

**Keith Camilleri**
**(228592M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Keith Camilleri** iben Joseph u Miriam nee' Agius imwieled nhar l-20 ta' April 1992 u residenti Cor Jesu, Triq Hlantun, Safi, detentur tal-karta tal-identita' numru 228592M.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' April 2021 ghall-habta tat-08:00hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih;

3. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuna ta'PC 1416 D. Galea wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Ingurja, hedded b'mod mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil PC 1416 D. Galea.

Il-Qorti hija gentilment mitluba jekk issib l-imputat hati tapplika l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' PC 1416 D. Galea.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, kif ukoll illi l-imputat skuza ruhu formalment fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2024 mal-Pulizija Ezekuttiva ghal dak kollu li ghamel.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 95 u 339(e) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Keith Camilleri hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, izda **bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.**

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **PC 1416 D Galea, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-**hati Keith Camilleri** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile*.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**